MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 86/2012

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**Bineva Martina Slavova**
**I.D. 44935A**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta' Frar, 2012 fejn il-konvenut ghandu jghati lis-Socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija tlieta u tmenin Ewro u sbatax-il centezmu (€883.17) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 42 (*AC 40140238),* u li jinkludo telefon *21384731;* servizz ta' televisjoni *1425093010 u 1425093034,* u servizz ta' ADSL, liema servizzi gew

ikkuntrattati permezz ta’ kuntratt datat 2 ta’ Novembru, 2009.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa’ inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tad-9 ta’ Novembru, 2012 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tad-9 ta’ Novembru, 2012 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija tlieta u tmenin Ewro u sbatax-il centezmu (€883.17) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------